# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 10/2017

5 ta' Settembru 2017

`

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fit:5:30 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsillier |
| Publio Abdilla | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Minuti:

10.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta' Apoloġija.

10.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

10.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

10.2.2 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update fuq it-tender tas-Soft Areas. Is-Sindku qal li kien iltaqa' ma persuna li taħdem fuq is-Soft Areas sabiex inkunu nistgħu nieħdu idea' kemm ser tkun in-nefqa għal dan it-tender. Il-Kunsill qabel illi l-aktar xogħol kruċjali huwa d-daħla tar-raħal, il-bandli, l-pjazza, il-housisng estate, iż-żabra tas-siġar u l-palm u tisqija tal-planters li għandna mar-raħal. Il-Viċi-Sindku saqsa jekk l-area tal-Ħlantun hux inkluż mat-tender. Is-Sindku kkonferma illi t-tender li kellna ma kienx inkluż pero' l-Kunsill qabel illi għandna ninkludu din l-Area mat-tender il-ġdid.

10.2.3 Il-Viċi-Sindku qal illi (ref punt 9.9.10) Zurrieq Road mhix qed tinkines u lanqas titbattal kif suppost. Is-Sindku kkonferma illi Zurrieq Road, Triq l-Iskola u ħdejn il-Kunsill suppost isiru kuljum.

10.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa (ref punt 9.3.6 jekk konniex iltqajna sabiex niffirmaw il-kuntratt. Is-Sindku qal illi l-Ministru kien iffirma pero' kien ghad fadal il-firma tal-Ministru tal-Finanzi sabiex isir il-ftehim uffiċjali.

10.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa rigward (ref punt 9.3.11). Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mal-Project Manager responsabbli li assigurah illi ix-xogħol fi Triq il-Kuċċard qiegħed miexi fuq l-aħħar pjanta u li mhux ser ikun hemm diżlivell.

10.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla qal li rigward (ref punt 9.9.8) l-iskip li hemm fiċ-ċimiterju mhux flokha hemmhekk. Is-Sindku qal illi l-kapillan kien talbu skip għaċ-ċimiterju sabiex jitnaqqas l-abbuż li jintrema' l-iskar fl-għalqa ta' wara ċ-ċimiterju. Is-Sindku qal ukoll illi hekk kif titnaddaf l-istess għalqa din l-iskip ser titqiegħed hemmhekk.

10.2.7 Is-Sindku qal illi (ref punt 9.9.2) huwa kien iltaqa' mar-residenti taż-żewġ naħat tat-tarf ta' Triq l-Iskola. Kemm tal-Paradise Zone kif ukoll ħu Dun Karm it-tnejn qablu li għandha ssir l-isleeping police. Is-Sindku qal li talbuh sabiex inħallu t-tarf tal-bankina nieqsa sabiex l-ilma tax-xita jkun jista' jibqa' miexi bla diffikulta. Il-Kunsill qabel illi għandna nitolbu lil Transport Malta sabiex issir din l-sleeping police.

10.2.8 Sabiex inkomplu mal-inċidenti tat-traffiku l-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla qal illi Triq San Ġwann kantuniera ma Triq San Ġorg fejn it-tabib Portelli kien hemm stop sign li għal xi raġuni nqalgħet. Il-Kunsill qabel illi għandna naraq mas-sid jekk isibx oġġezzjoni li nerġgħu nwaħħlu s-sign mal-ħajt tiegħu u li jekk ma jaqbilx nagħmlu t-tabella ma pole.

10.2.9 Is-Sindku qal illi l-Perit tas-Sur Brian Hickey li joqgħod Triq San Pawl ġie sabiex jistaqsi fuq il-bankina fi Triq San Pawl. Is-Sindku qal illi kien spjega lil Perit illi l-Kunsill ma kienx qabel mal-bankina pero' kien qiegħed joffri illi jagħmel tabella l-fuq mill-gallarijna 'Mind the Balcony'. Il-Perit u anki l-Kunsill għandna nkellmu lis-sid sabiex naraw jekk jaqbilx ma din it-tabella.

10.2.10 Is-Sindku qal illi (ref punt 9.9.14) kien avża lil pulizija rigward il-karozza abbandunati fi Triq il-Ħajt Ruman. Is-Sindku qal illi l-pulizija kienu kellmu lil sid il-karozzi u li kienu ser jibqgħu jagħmlu osservazzjoni fuq din it-triq.

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku qal illi l-proġett ta' Triq Qerd in-Naħal kien ser jibda. Huwa qal illi ma kienx jidher li hemm xi issues biex iduru l-karozzi pero' jista' jkun li jkun hemm problema ħdejn il-Bring-in-Sites. Is-Sindku qal illi quddiem il-bring in sites iridu jsiru double yellow lines u l-parking li hemm ħdejn il-bring in sites għandu jkun riservat għan-nies li jiġu sabiex jisseparaw l-iskart. Is-Sindku kkonferma illi dan ix-xogħol għandu jitlesta fi żmien ġimgħa.

10.3.2 Is-Sindku qal illi jidher li hemm xi leakage tal-ilma fix-Xelter tal-Pjazza. Is-Sindku qal ukoll illi tal-ilma kienu ħadu sample ta' dan il-leakage sabiex jiddentifikaw jekk hux ilma jew dranaġġ.

10.3.3 Is-Sindku qal illi konna bdejna x-xogħolijiet fi Ġnien ta' Ball. Huwa qal illi kienu bdew jinqatgħu s-siġar mejta fosthom siġar tad-dwieli u taċ-ċitru li kienu jinstabu n-naħa t'isfel tal-ġnien. Is-Sindku qal ukoll illi bdejna naqtgħu l-qasab li flokhom għandu jsir bħal stand up area. Huwa qal ukoll li l-ħaddiema tagħna kellhom jieħdu ħsieb ir-restawr tal-kannizzata u l-pilastri.

10.3.4 Is-Sindku qal illi nhar is-Sibt 16 ta' Settembru kellha ssir World Clean Up Day. Is-Sindku qal illi Ħal Safi kellna nnaddfu l-area ta' Gawhar u tal-Ħlantun fil-parti rurali. Ser jinqasmu f'żewġ gruppi wieħed immexxi mis-Sindku u għal grupp l-iehor staqsa min mill-Kunsilliera huwa interessat li jmexxi dan il-grupp. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla offriet li tmexxi l-grupp l-iehor. Is-Sindku qal illi kellna niprovdu boroz għall-iskart u ngwanti.

10.3.5 Is-Sindku qal illi kienet saret il-laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici nhar il-Ħamis 24 t'Awwissu. Huwa spjega illi l-kunsilliera kellhom il-Minuti tal-laqgħa sabiex jaraw il-punti tal-istess laqgħa. Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa dwar il- punt tal-għassa tal-pulizija. Is-Sindku qal illi hija x-xewqa tal-Każin ta' San Pawl illi l-għassa tal-pulizija tiġi flok il-banka tal-lottu. Wara saret diskussjoni fuq l-għassa tal-pulizija. Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa ukoll rigward il-punt tan-Night Shelter. Il-Kunsill iddiskuta x-xewqa illi jkun hawn Night Shelter f'Ħal Safi.

10.3.6 Is-Sindku qal illi avviċinah is-sur Joshua Baldacchino li joqgħod fil-blokka tal-Marruxa fil parti ta' Trejqet Tarsu. Is-Sur Baldacchino, hekk kif qiegħed joħrog mill-garaxx qed isib il-karozzi ma wiċċu li jkunu telgħin minn Triq ta' Rqajja. Is-Sindku qal li s-Sur Baldacchino qiegħed jitlob li teħel mera faċċata u qiegħed ukoll jissuġerixxi illi t-triq ssir One Way. Il-Kunsill qabel li għandha titwahhal mera u illi għandna nieħdu parir minn Transport Malta rigward il-One Way .

10.3.7 Is-Sindku qal ukoll illi rċieva ilment mingħand is-Sur Michael Cardona li joqgħod fi Triq tal-Ajżar. Is-Sur Cardona qiegħed jilminta illi x'ħin tiġi biex iddur Triq tal-Ajzar għal faċċata fejn hemm il-kisra, qiegħed ikun hemm karozza pparkjata faċċata li tkun ta' periklu. Din il-persuna qiegħed jissuġerixxi li jsir double yellow line mal-ħajt tas-

sejjieħ fejn l-għalqa. Is-Sindku qal illi għal din ir-raġuni ukoll hekk kif jiġu ta' Transport Malta għandna nikkonsultaw magħhom.

10.3.8 Is-Sindku qal ukoll illi kellu talba sabiex norganizzaw Haloween Party fl-aħħar t'Ottubru. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmluh fis-Sala tal-Kunsill.

10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-Murial kien beda u li kien ser ikun nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ħamis u ser ikun sa fejn jieqaf il-ħajt tal-grawnd. Hija qalet ukoll li sal-aħħar tax-xahar għandu jkun tlesta.

10.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa rigward e-mail 51/0295. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kellha tibgħatlu kopja tagħha bl-email.

10.4.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward il-Courses tal-Lifelong Learning. Id-Deputat Segretarju qalet illi nhar ta' Ħamis kienu ser jibdew il-lezzjonijiet tat-taljan jekk ikun hemm it-talba għalihom.

10.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa rigward e-mail mingħand Renzo Degabriele. Is-Sindku qal illi kienet risposta ta' complaint illi għadda l-Kunsill. Il-Viċi Sindku għamel complaint ukoll illi l-uffiċċju tas-Social Services għamel tlett ġimgħat wara xulxin magħluq.

10.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Publius Abdilla saqsa fuq e-mail mingħand is-Sinj Maria Cocker. Id-Deptutat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kien ilment illi fi Triq il-Kenn kien hemm ħajt perikoluż. Hija qalet li kienet għaddiet dan l-ilment iżda l-ilment ġie mgħoddi lil Transport Malta li qiegħdin jgħidu mhux fir-responsabbilita' tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu dan l-ilment lil pulizija.

10.5 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsill approva l-extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

10.6 Cirkular Nru 22/2017 Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita' – Librerija Lokali

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi din kienet inizjattiva li ssir kull sena mid-Dipartiment. Hija qalet ukoll illi tkun inizjattiva fejn id-Dipartiment joħrog l-istess ammont illi joħroġ il-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi s-sena l-oħra ma konniex ħadna sehem u allura tissugerixxi li din is-sena nallokaw l-massimu tal-fondi li nistgħu noħorġu. Il-Kunsill approva l-ammont ta' 800 Euros għal din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nitolbu lil librara sabiex tikkomunika mal-kap tal-iskola sabiex naraw tissuġerixxix lista ta' kotba utli li nżidu fil-librerija ta' Ħal Safi.

10.7 Cirkulari Nru 21/2017 Restoration Works Scheme for Local Councils 2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi din ukoll hija inizjattiva' tad-Dipartiment, Il-Kunsill qabel illi għandna naplikaw jew għal faċċata taċ-Ċentru Parrokjali jew

inkella l-faċċata tal-kapella ta' Santa Marija. Il-Kunsill qabel ukoll illi għandna nagħmlu kuntatt mal-Kapillan sabiex naraw għal liema minn dawn is-siti għandna naplikaw.

10.8 Ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet IT Room

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi sabiex naplikaw biex nieħdu l-fondi tal-Proġetti Kapitali kellna bżonn ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet tal-IT Room mill-perit, illi x-xogħol sar skond il-pjanti approvati mill-Mepa u li m'għadx fadal kontijiet pendenti. Il-Kunsill approva ċ-Ċertifikazzjoni tax-xogħolijiet tal-IT Room.

10.9 Aġġidukazzjoni tat-Tender tal-Bandli.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi nhar il-Ġimgħa 11 t'Awwissu għalqet it-tender tal-Bandi. Hija qalet illi s-sistema stess itella' rapport tal-offerti li jkunu ntefgħu u li kienet tat kopja tagħha lil kunsilliera kollha. Is-Sindku qal illi għal din it-tender daħla seba' offerti li huma:

| **Isem il-Kumpanija** | **Prezz** |
|---|---|
| Projecte Global Limited | 45475.00 Euro |
| Road Maintenance Services Limited | 73562.31 Euro |
| Road Maintenance Services Limited | 81741.97 Euro |
| Road Maintenance Services Limited | 65911.77 Euro |
| Road Maintenance Services Limited | 69384.86 Euro |
| JGC | 69944.90 Euro |
| JGC | 64506.90 Euro |

Is-Sindku spjega illi milli jidher s'issa, l-offerti kollha huma compliant u li konna tlabna lil Perit tagħna sabiex ikompli jgħina fl-evalwazzjoni tagħhom. Is-Sindku ssuġerixxa illi, hekk kif inhi l-proċedura, jekk il-perit jikkonferma illi l-offerti mitfugha huma kollha compliant, allura t-tender irid bilfors jingħata lil min tefa' l-irħas offerta li f'dan il-kaz hija l-kumpanija Projecte Global Limited.

10.10 Korrispondenza

10.10.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi konna rċivejna e-mail mingħanbd is-Sur Alexis Callus fejn qiegħed jgħid li għar-raba' sena rċieva t-talba sabiex s-Sur Callus jorganizza kunċert għas-Surmast internazzjonali Dr John Bethell u l-kor North West Festival Choir. Dan il-kunċert għandu jsir f'Ottubru 2017 u jsir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali. Is-Sur Callus qiegħed jitlob sabiex il-Kunsill ikun ta' għajnuna bħala finanzjament għat-trasport u parti mill-ikel li ser ikun organizzat għal dan l-attivita'. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill joħroġ 200 Euro għal din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala ġie skużat mill-laqgħa 19:46.

10.10.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat illi konna rċievejn talba mingħand Zurrieq Wolves sabiex il-Kunsill japprova illi nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru 2017 ssir Half Marathon u tellieqa ta' 10K.

Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala rritorna lura għal laqgħa 19:53.

Id-Deputat Segretarju spjegat illi għal waqt din it-tellieqa Triq ta' Gawhar ser tkun magħluqa bejn 7:40am u 8:50am u li ser ikun hemm 44 warden u pulizija madwar erba' rħula. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-tellieqa.

10.10.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll illi konna ser ningħaqdu għall-inizjattiva ta' Pink October.

10.11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

10.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit.8.03pm. Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tnejn 2 t'Ottubru, 2017 fil-5.30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv